MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 141/2011

**Fl-atti ta` l-Istralc ta` G.R.T. Company Limited (OS/161/NT) li qed isir mill-istralcjarju Raphael Axiak**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Lulju 2010 mill-Av. Noel Camilleri ghan-nom u fl-interess ta` Giovanni Taverna li jaqra hekk -

*1. Illi r-rikorrent nomine hu l-amministratur tas-socjeta` Taljana In Progress s.r.l u ghandu sehem ta` ghaxra fil-mija (10%) f`din is-socjeta`. Id-disghin fil-mija (90%) l-iehor huwa tal-kumpannija Maltija G. & R. T. Company Limited ;*

*2. Illi meta giet stralcjata l-imsemmija socjeta` G. & R. T. Company Limited din kienet ghadha fil-pussess tas-sehem surreferit u ghalhekk il-membru bl-akbar sehem tas-socjeta` Taljana hawn fuq imsemmija ghada sa issa G. & R. T. Company Limited ;*

*3. Illi ghalhekk hemm bzonn illi s-sehem li ghandha l-kumpannija stralcjata f`In Progress Limited jigi trasferit sabiex tkun tista` tigi regolarizzata l-posizzjoni ta` din is-socjeta` ta` l-ahhar.*

*Ghaldaqstant jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna –*

*1. Is-sospensjoni tal-process kollu tal-istralc u tiddifferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija ghandu jithassar mir-registru ghaz-zmien u l-kundizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha opportuni skond l-Art.275(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) sabiex is-sehem illi l-kumpannija ghandha f`In Progress jigi trasferit ;*

*2. Fil-kaz illi dan l-ordni jsir, li tintbaghat kopja tad-decizjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji skond l-Art.275(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-26 ta` Lulju 2010 fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-istralcjarju Raphael Axiak b`erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat li l-istralcjarju Raphael Axiak kien notifikat bil-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skond l-Art.187(3) tal-Kap.12 wara digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tat-18 ta` Ottubru 2010.

Rat li l-istralcjarju ma pprezentax risposta.

Rat li r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bir-rikors tat-23 ta` Lulju 2010 fil-25 ta` Jannar 2011.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Marzu 2011 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-16 ta` Mejju 2011 fid-9.30 a.m.

Semghet il-provi fl-imsemmija udjenza u fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tat-13 ta` Gunju 2011 fid-9.00 a.m.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghall-provvediment ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrent Giovanni Taverna ressaq l-istanza tieghu abbazi tal-**Art.275 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

*(1) Malli jircievi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-kaz, flimkien mar-rapport ta’ l-awdituri u wiehed mill-prospetti imsemmija fl-artikolu 274(2), ir-Registratur ghandu jirregistrahom minnufih, u malli jghaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta’ l-avviz imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) ir-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru.*

*Izda l-qorti tista’, fuq rikors maghmul fi zmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralcjarju jew minn xi persuna ohra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress, taghmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija ghandu jithassar mir-registru ghal dak iz-zmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla hsara ghal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista’ taghmel.*

*(2) Meta l-qorti taghmel ordni taht il-proviso ghas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Registratur tal-Qrati ghandu minnufih jibghat kopja tieghu lir-Re[istratur ghar-registrazzjoni u r-Registratur ghandu jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) skond l-ordni mill-qorti kif imsemmi f'dak is-subartikolu.*

L-istralcjarju Raphael Axiak xehed li l-kumpannija G.R.T. Company Limited kienet holding company taht ir-regim l-antik tal-kumpanniji offshore. Il-kumpannija kienet obbligata thallas licenza ta` Lm500 fis-sena lill-MIBA. Il-persuna wara l-kumpannija kien Giovanni Taverna. Ghal xi sentejn, ix-xhud personalment hallas l-ispejjez involuti sabiex il-kumpannija tkompli ghaddejja pero` naturalment kien jehtieg li l-azzjonisti jhallsu l-ammonti li kienu mehtiega sabiex il-kumpannija tkun tista` tkompli topera. Billi Giovanni Taverna baqa` ma ghamel l-ebda kuntatt, ix-xhud qieghed il-kumpannija fi stat ta` stralc u mexxa bil-procedura tat-thassir taghha. Fil-fatt il-kumpannija baqghet ma gietx *struck off.* Jidher li G.R.T. Company Limited kienet sejra taghmel investiment f`xi ishma. Liema investiment fil-fatt sar, pero` sar jaf b`dan l-investiment wara li kien sar. Ma kienx jaf qabel li sar billi kien tilef kull kuntatt ma` Giovanni Taverna. L-ishma huma tal-kumpannija u l-*beneficial owner* huwa Giovanni Taverna.

Fix-xhieda tieghu Giovanni Taverna qal li huwa jrid icedi l-ishma li ghandu fis-socjeta` G.R.T. u l-awtoritajiet fl-Italja talbuh dokument li jawtorizza t-trasferiment. Issa G.R.T. ghandha kwota ta` 90% f`socjeta` Taljana bl-isem Progress srl. G.R.T. hija socjeta` *offshore non trading* li kienet registrata f`Malta fl-1994. U qatt ma operat. L-amministratur taghha kien Raphael Axiak u kien hu li beda l-procedura tal-istralc tal-kumpannija. Fl-Italja kien registrat *trademark* f'isem il-kumpannija G.R.T. U hemm il-bzonn li din tigi trasferita lil Progress srl qabel tithassar il-kumpannija G.R.T. minn fuq ir-registru ta` Malta, ghaliex jekk il-kumpannija tithassar it-trasferiment ma jkunx jista`

jsir. Huwa agixxa fil-pront kif sar jaf bil-procedura li kellha twassal ghat-thassir ta` G.R.T.

Meta xehdet l-Av. Dr. Cluadette Fenech bhala rappresentant tar-Registratur tal-Kumpanniji hija stqarret li l-kumpanija G.R.T. Company Limited kienet topera taht l-*offshore regime* u kellha numru OS 1611 MT. Fil-fatt il-kumpannija kienet ikkancellata fl-20 ta' Frar 2006 abbazi tal-Ordinanza dwar il-Kumpanniji u l-Att dwar il-MIBA. Issa l-kumpannija in kwistjoni ghax kienet kumpannija *offshore* kienet tibghat id-dokumenti l-MFSA mbaghad kienu jigu registrati mir-Registratur tal-Kumpanniji. Fil-kaz tal-lum, it-tliet xhur kienu ghaddew u l-isem tal-kumpannija kien kancellat. Hadd ma kien avza lir-Registratur tal-Kumpanniji bil-procedura tal-lum. Saru jafu biha peress li x-xhud irceviet tahrika sabiex tixhed.

Meta kienet domandata mill-Qorti x'kienet il-posizzjoni tar-Registratur dwar it-talba tar-rikorrent, Dr. Fenech wiegbet hekk –

*... kif gejt infurmata jien li hemm xi rights li ghandhom in arja billi din il-kumpanija G.R.T. Company Limited giet struck off minn fuq ir-registru li konna qed nikkunsidraw jekk il-Qorti jidhrilha xieraq kif konna ghamilna fix-shipping companies taht is-CPO li terga' titqieghed fuq ir-Registru esklussivament biex jittiehdu dawn ir-rights. Dawn ir-rights they go to their entitled owner imbaghad terga' tigi struck off li qalli d-deputy registrar ara li tkun temporanjament hafna ghax dawn huma kumpanniji naqra iktar sensittivi minn kumpanniji ohra.*

Domandata b`mod specifiku mill-Qorti jekk min-naha tar-Registratur kienx hemm oggezzjoni illi l-kumpannija terga' titpogga fejn kienet, ix-xhud wiegbet –

… *Temporanjament hafna … sakemm dawn ir-rights li ghadhom m' ghandhomx owner … jittiehdu in*

*konsiderazzjoni u jerga’ l-liquidator jghid li effettivament issa l-affairs of the company have been truly wound up*.

F`dak il-kaz imbaghad, skond ix-xhud, il-kumpannija terga` tigi kancellata.

**Ikkunsidrat :**

Fuq l-iskorta tal-provi li kellha quddiemha, provi skarni u privi ghal kollox minn riskontri oggettivi, din il-Qorti tghid mill-ewwel li thossha perturbata hafna bil-fatt li minnha r-rikorrent kien qieghed jippretendi li tezercita d-diskrezzjoni li ghandha, skond il-proviso tas-subinciz (1) tal-Art.275 tal-Kap.386, imbaghad mank iressaq dokument wiehed sabiex isostni t-talba tieghu.

U fil-kaz tal-lum kienet vitali l-presentata ta` dokumenti li jiggustifikaw tassew r-reintegrazzjoni ta` kumpannija wara thassir. Imqar id-dokumenti li jippruvaw id-drittijiet li baqghu allegatament mhux saldati meta thassar l-isem tas-socjeta` de qua mir-Registru. *Eppure* l-ebda dokument ma gie prezentat. U dan meta fis-sistema guridiku taghna qorti trid timxi fuq l-ahjar prova, u l-ahjar prova huwa d-dokument, mhux semplici stqarrija, konfuza ghall-ahhar u fqira f`dettalji, anke jekk guramentata.

Meta mbaghad din il-Qorti tqis, f`aktar reqqa, dak li rrizulta mill-provi, fjakki u fatixxenti, li ressaq ir-rikorrent, issib mankanti dokument wiehed partikolari li, certament u minghajr l-icken dubbju, kien jispetta lilu li jipproduci u cioe` il-prova tal-pubblikazzjoni tal-avviz skond l-Art.401(1)(e) tal-Kap.386.

Fil-kaz tal-lum, din il-prova ma saritx u, ghal din il-Qorti, prova ta` dik ix-xorta kellha ssir ta` bilfors u kienet a kariku tar-rikorrent, mhux biss ghax il-procedura intrapresa mir-rikorrent hija, min-natura stess taghha, eccezzjonali, izda ghaliex l-ezercizzju tad-diskrezzjoni li trid tezercita din il-Qorti, minn kliem il-ligi stess, jitlaq mill-premessa li t-talba *mill-istralcjarju jew minn xi persuna ohra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress sabiex issir it-talba* trid issir propju fi zmien *tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fl-artikolu 401(1)(e).*

Mill-ftit li rrizulta ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti fil-kaz tal-lum huwa li l-kumpannija de qua giet imhassra mir-Registru, mhux il-bierah, mhux ftit gimghat ilu, mhux ftit xhur ilu, izda aktar minn hames snin ilu, u r-rikorrent bl-istanza tieghu tal-lum qieghed jippretendi li din il-Qorti m`ghandhiex tqis bhala mhassra l-istess kumpannija u fl-istess waqt ma jissoddisfax din l-istess Qorti li meta ressaq it-talba tieghu kien ghadu fit-terminu li jsemmi l-Art.275(1) tal-Kap.386.

Din il-Qorti ssostni li termini bhal dawk tal-Art.275 huma ta` ordni pubbliku, u allura perentorji, u ta` osservanza stretta.

Li jfisser li l-qorti ghandha tezercita diskrezzjoni fil-kaz biss li jigi pruvat li t-talba tkun saret fit-terminu prefiss mil-ligi stess. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma kellhiex l-icken prova li r-rikorrent ottempera ruhhu ma` dak kien minnu rikjest mill-Art.275.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti, filwaqt li tqis bir-rispett dovut il-fehma tar-Registratur tal-Kumpanniji, tghid li l-ligi stess tipprekludiha milli tilqa` s-suggeriment tieghu propju ghaliex id-disposizzjoni li fuqha qieghed jistrieh ir-rikorrent tipprefigi terminu perentorju li kien jispetta lir-rikorrent li jipprova li osserva, prova li fil-fatt naqas milli jaghmel. Is-suggeriment tar-Registratur kien jittiehed in

konsiderazzjoni li kieku r-rikorrent irnexxielu jipprova li agixxa fit-terminu. Dak mistenni mhux minn din il-Qorti izda mil-ligi stess ma rrizultax da parti tar-rikorrent.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------